



TONY TERRIBILE

*TOROQ BI STORJA FIL-PARROĊĊA TAGĦNA:*

# TRIQ RUDOLPH

Minn dis-sena ħsibt biex f'dan il-Programm tal-Festa tagħna nduru xi toroq li fihom naraw ċerti aspetti, tifkiriet storiċi, stili, arti u tagħrif ieħor marbuta ma' Tas-Sliema ta' żminijiet oħra. Nibdew minn Triq Rudolph, waħda mill-itwal toroq fil-Parroċċa tagħna. Fiha jidħlu għadd ta' toroq oħra, 20 b'kollox.

Għaliex tissejjaħ hekk? Fl-imgħoddi dawn l-inħawi kienu magħrufa bħala "tat-Titi" u "tal-Ħinni". Kienu proprjetà ta' l-Imħallef Giuseppe Falzon, li kien missier il-Beatu Nazju Falzon. Dan imbagħad ċedihom b'ċens lill-Avukat Rudolfo Felice Vassallo, li beda jibni hawnhekk u t-triq issemmiet għalih. L-ewwel bini li jiġbed l-attenzjoni jinsab fuq in-naħa tax-xellug wara li tilwi minn Rue D'Argens. Djar bi stil mhux komuni mibnija mill-Perit Giuseppe Psaila fl-ewwel snin tas-Seklu Għoxrin. Psaila kien magħruf ħafna għall-istil "Art Nuveau". Xhieda ta' dan hu l-ħadid, il-gradi, id-dekorazzjonijiet tal-ġebel, il-bibien u kull dettall ieħor f'kull parti tagħhom. Ħasra li f'xi wħud minnhom saru xi tibdiliet li tellfu mill-istil oriġinali tagħhom. Is-sidien u n-nies li joqogħdu f'dawn id-djar inbidlu kemm-il darba. Xieraq iżda li nsemmu wħud minnhom, bħal Professur Zahra Neuman M.D., li ta kontribut kbir u siewi fil-qasam tal-mediċina, kif ukoll Ruġġieru Calì, iben il-pittur magħruf Giuseppe.



Djar ta' stil "Art Nouveau" mibnija mill-Perit Giuseppe Psaila.

Biswithom naraw żewġt idjar oħra ta' stil mhux komuni. Il-faċċata tagħhom hija magħmula minn sitt arkati, tlieta fuq, magħluqin bil-balavostri li jservu bħala gallerija, u tliet ħnejjiet isfel li jservu bħala parapett. Bejn il-ħnejjiet ta' isfel għandhom pilastri ta' stil Doriku, waqt li fil-parti ta' fuq naraw pilastri ta' stil Joniku. Fid-dar tal-lemin kien joqgħod Ġanni Bencini, wieħed mill-fundaturi ewlenin Deputati Laburisti fil-politika Maltija. Fil-kantina tad-dar tiegħu, huwa welled il-"Melita Football Club", li kiseb għadd ta' suċċessi fil-kamp sportiv u dejjem żamm l-istatus ta' "amateurs" fil-gżejjer tagħna.



Id-dar ta' Ġanni Bencini fejn twieled it-*team* tal-*football* tal-Melita.

Maż-żewġt idjar imsemmija hemm erbat idjar oħra kbar imissu magħhom, opra tal-Perit Emmanuele Luigi Galizia, li nbnew fl-aħħar tas-Seklu Dsatax. Tnejn minnhom għandhom żewġ sulari ta' stil Malti bil-galleriji ta' l-injam bil-persjani quddiem il-purtelli. It-tnejn l-oħra, b'sular wieħed, huma ta' stil orjentali mill-isbaħ li jfakkruk fiċ-Ċimterju tat-Torok, xogħol ta' l-istess Caruana Galizia. Dawn it-tnejn fihom xogħol mill-aqwa ta' skultura fil-ġebla Maltija. Illum l-erbat idjar huma protetti mil-liġi. Waħda minnhom, dik "Alhambra", ġiet restawrata b'mod professjonali biex iżżomm id-

dehra oriġinali li kellha. F'dawn id-djar għexu għal snin twal id-dixxendenti tal-familja Caruana Galizia, li taw sehem importanti lis-soċjetà Maltija fil-qasam tal-liġi u tal-mediċina. Qrib dawn id-djar fuq in-naħa l-oħra, imbagħad insibu l-Knisja Anglikana tal-"Holy Trinity" li nbniet fl-1866. Fiha ħadem ħafna Webster Poulson, l-inġinier magħruf Ingliż, li kien ħadem ukoll fit-Teatru Rjal. Is-saqaf imżerżaq tagħha maħdum bid-deffun, huwa tabilħaqq xogħol mill-aqwa ta' din is-sena qadima Maltija. Magħquda mal-Knisja naraw id-dar biex joqgħod ir-Rettur tagħha, magħrufa bħala "Bishop's House". Għandha l-istil tal-Knisja, imżejna b'gallerija tal-ġebel u b'għadd ta' twieqi.

Faċċata ta' din id-dar naraw erbat idjar oħra mibnija fuq stil wieħed. Jidher li telgħu wkoll fl-ewwel snin tas-Seklu l-ieħor. Oriġinali ħafna huma l-galleriji li għandhom, għax is-saqaf tagħhom idur nofs tond. Dan l-istil iressaqna lejn l-"Art Nuveau". Ftit 'l isfel insibu waħda min-niċeċ li għandna fil-Parroċċa tagħna. Din hija ddedikata lill-Madonna tas-Sacro Cuor u fiha xbiha-kopja ta' l-Istatwa Titulari tagħna. Kitba taħtha turina s-sena 1880, l-istess sena li beda l-moviment tad-devozzjoni lejha fl-inħawi tagħna. Hija tifkira għażiża għalina ta' dawk iż-żminijiet. Ftit 'l isfel minnha, f'dar żgħira kien joqgħod Albert Cassola, għalliem mill-aqwa ta' l-ilsien Taljan fil-Liċeo, u kittieb prolifiku tajjeb bit-Taljan u bil-Malti. Fost il-ħafna xogħlijiet letterarji tiegħu nsemmu r-rumanz "Nina". Fih Cassola sawwar il-kitba tiegħu fuq l-isfond ta' l-inħawi tagħna, bil-knisja tas-Sacro Cuor, is-suq, u bosta dettalji ħelwin oħra ta' Tas-Sliema ta' żmienu.

Aktar 'l isfel fuq l-istess naħa kien joqgħod Charles Izzo, ġentlom mill-aqwa li trabba, kiber u għex mas-Salesjani. Kien attiv ħajtu kollha fil-"Boys Brigade", u attur magħruf ħafna li beda l-karriera tiegħu fit-Teatru tas-Salesjani. Il-bieb tad-dar fejn kien joqgħod għandu stil oriġinali mżejjen b'par kolonni ta' stil Korint. Meta naqsmu għan-naħa l-oħra ta' Triq Rudolph u ngħaddu



**Dehra minn wara tal-Knisja ta' l-Ingliżi, mibnija fl-1866.**

minn ħdejn l-Għassa tal-Pulizija għandna numru ta' djar bil-parapett quddiemhom. Dawn kienu tal-familja Bugeja u bnewhom bi stil kbir u sabiħ. Ħasra li matul is-snin ġew mimsusa u waħda minnhom imwaqqa' wkoll. Din, kantuniera ma' Triq San Ġakbu, illum għandha fuqha għadd ta' appartamenti. Għal numru ta' snin din serviet bħala l-Iskola ta' Billion li fiha kienu jattendu bosta tfal Slimiżi. Luigi Billion kien għalliem magħruf tat-Taljan fil-Liċeo, poeta u kittieb ta' bosta innijiet reliġjużi u patrijottiċi mill-aqwa. Għall-Parroċċa tagħna, li fiha għex, ħadem, u miet, il-Prof. Luigi Billion ħallielna żewġ ġawhriet mill-isbaħ tal-versi tiegħu: l-Innu l-Kbir għall-Knisja "Inno A Nostra Signora Del Sacro Cuore", u l-ieħor "Inno Sliema" għall-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Sliema.

Għadd ta' djar kbar u sbieħ oħra li wieħed jara f'din it-triq qegħdin faċċata ta' Triq San Karlu u Triq San Alfonsu. Dawn ukoll imorru lura lejn l-ewwel snin tas-Seklu Għoxrin. Għandhom bibien b'fetħa kbira arzellata b'gallerija tal-ħadid u oħra ta' l-injam, kif ukoll kamra laterali. F'waħda minnhom kienet toqgħod Monica Walsh, Irlandiża, li flimkien ma' tfajliet oħra Slimiżi taw bidu għall-Ewwel Praesidium tal-"Legion of Mary" f'Malta. Illum hemm irħama biex tfakkar din il-ġrajja storika. Faċċata ta' din id-dar hemm dar żgħira, bla ebda dettalji arkitettoniċi speċjali, iżda li rabtet magħha lill-Prokuratur Legali Gerald Cassar, li għex u miet fiha, u li għamel żmien Kandidat u Membru magħruf tal-Partit Laburista.

Dominanti ħafna, imbagħad, hija Villa Schinas, li tinsab fuq l-istess naħa, fin-nofs bejn Triq Kent u Triq Isouard. Għandha storja kbira billi kienet l-ewwel "Kulleġġ Stella Maris" li fetħu l-Brothers ta' De la Salle f'Tas-Sliema fil-bidu tas-Seklu Għoxrin. Minn dan il-Kulleġġ ħarġu bosta tfal li għamlu karriera mill-aqwa f'ħajjithom f'kull kamp tas-soċjetà Maltija. Meta l-Brothers ħassew il-ħtieġa li jfittxu post akbar għall-Kulleġġ tagħhom u marru l-Gżira, Villa Schinas inxtrat fil-11 ta' Awissu 1955 minn ċertu John Mc Connell u rregalha lill-Parroċċa ta' San Girgor għall-użu ta' l-Azzjoni Kattolika, li rawwmet bosta tfal



Villa Schinas bil-faċċata sabiħa tagħha.

Slimiżi b'tagħlim nisrani sod. Sabiħ ħafna huwa l-portiku ta' din il-Villa, magħmul minn tmien kolonni ta' stil Doriku. Par Pilastri Joniċi jżejnu l-faċċata tat-tieni pjan ta' din id-dar kbira. Jista' jkun li l-Perit Schinas kellu sehem importanti fit-tfasila tagħha u għalhekk issemmiet għalih.

Fuq in-naħa l-oħra ta' Villa Schinas, kantuniera ma' Triq Isouard, naraw dar oħra b'rabta ma' l-istorja. Fl-imgħoddi din id-dar kien jisimha "ASTRID" u kien joqgħod fiha għal numru ta' snin Giovanni Curmi, Professur tat-Taljan fl-Università ta' Malta. Hawn huwa għadda żmien twil jgħallem u jikteb bosta mix-xogħlijiet letterarji tiegħu, li llum jinsabu kkonservati u mfittxija minn studjużi Maltin u barranin. Illum din id-dar qed isservi bħala stabbiliment ta' negozju. Tmiss ma' din id-dar insibu dar oħra b'sular wieħed li wkoll illum hija mibdula f'negozju. Fiha kien joqgħod għal bosta snin mal-familja numeruża tiegħu Antonio Ghirlando, magħruf bħala "Nosi". Missier eżemplari, Nosi kien attur komiku mill-aqwa li ta kontribut kbir lill-Palk Malti kif ukoll Taljan. Qaleb ħafna xogħlijiet klassiċi li baqgħu popolari. Dejjem fuq l-istess naħa nsibu dar oħra b'żewġ sulari li matul is-snin tas-Seklu Għoxrin kienet l-Iskola Montessori, immexxija wkoll mill-familja ta' Billion. Din id-dar kien jisimha "Maria Alfonsa House" u kellha ġnien u għalqa kbira tmiss ma' Triq Sant'Elena, illum mibnija mill-ġdid u msemmija "St Barbara Flats".

Faċċata tad-dar imsemmija għandna ringiela ta' sitt idjar kbar li jidher li nbnew ukoll fl-ewwel snin tas-Seklu Għoxrin bi stil sabiħ u kbir. L-ewwel dar qiegħda kantuniera ma' Triq il-Knisja. Naraw ingastat fl-art kanun tal-bronż. Fl-imgħoddi kien hawn bosta minnhom madwar Malta. L-użu tagħhom kien ivarja, għalkemm xi wħud twaħħlu biex iżejnu l-ambjent. Illum ħafna minnhom għosfru. Fuq in-naħa l-oħra, faċċata tal-Lukanda "Imperial" għandna numru ta' djar kbar u mibnija bi stil tabilħaqq eleganti, li jidher li bdew ma' l-iżvilupp kbir ta' dawn l-inħawi. Fl-aħħarnett, imbagħad, fit-tarf ta' din it-triq miżgħuda bi storja ta' stili arkitettoniċi u bil-preżenza ta' persunaġġi magħrufin, insibu l-ewwel lukanda f'Tas-Sliema, "Imperial Hotel", fost il-ħafna li hemm illum. Għax-xjuħ ta' Tas-Sliema dil-lukanda antika kienet imlaqqma "ta Ġakki", billi kienet proprjetà tas-Sur Ġakki Ellul. Tinsab fuq il-quċċata ta' għolja, kantuniera ma' Triq Santa Marija, fejn qabel ir-residenti Ingliżi kienu fetħu "Shooting Club" fejn kienu jmorru jisparaw għall-ħamiem. Dan baqa' sal-1880. L'"Imperial Hotel" illum hi waħda moderna u mill-isbaħ li għandna.